# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 t'April, 2001**

**Numru 14**

**Cit. Nru. 288/01 GCD**

**Anna Antignolo ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija C & H Bartoli Ltd.**

**Vs**

**Joseph Balzan f'ismu stess u ghan-nom ta' Dambal Caterers Company Limited u ta' Timeo Restaurant**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li ippremettiet:

Illi l-attrici nomine tinsab kreditrici tal-konvenut proprio et nomine fis-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm1,400.35,0) bilanc ta' somma akbar prezz ta' ghodod ta' kcina, fajjenza, pozati u affarijiet konnessi mal-kcina u ma'

restaurant, kompriz l-imghax sal-31 ta' Awissu 2000, mibjugha u ikkonsenjati lilu u dana skond l-istatement anness mac-citazzjoni markat Dok. "A" u skond l-invoices u dokumenti markati 1 sa 13;

Illi d-debitur, meta gie interpellat biex ihallas, ma hallasx is-somma dovuta u anzi hareg cheque li ma issarrafx kif jidher mill-korrispondenza annessa mac-citazzjoni (Dok. "B"); u

Illi l-kreditu tal-attrici nomine huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut proprio et nomine ma ghandu l-ebda difiza valida kontra t-talba attrici;

U talbet illi din il-Qorti:

1. taghti s-sentenza taghha u tilqa' t-talba tal-attrici nomine bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza u dana kif provdut fl-art. 167 sal-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. tikkundanna minnufih lill-konvenut proprio et nomine li jhallas lill-attrici nomine l-imsemmija somma ta' elf u erba' mitt lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm1,400.35) dovuti lilha ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment mac-citazzjoni u bl-imghax ta' 8% fis-sena mill-1 ta' Settembru 2000 kontra l-konvenut proprio et nomine.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm